

6
SETTEM-
BRU
1981

# dawl frangiskan

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

## F'DIN IL-HARGA


| | |
|---|---|
| Editorjal: Fejn Hemm Id-Dubju, Ħallini Ndaħħal Il-Fidi | pag. 1 |
| L-Ikbar Att Ta' Mħabba Fl-Għerusija | " 3 |
| Lis-Sekulari Franġiskani | " 6 |
| Santa Liberata Martri: Il-Miġja Tal-Ġisem Tagħha F'Malta | " 8 |
| Liż-Żgħażagħ Franġiskani Kapuċċini | " 10 |
| Habari Gani? | " 12 |
| L-IMĦABBA: Is-Sigriet Tal-Qawwa Moħbija Fil-Ħajja Ta' Santa Klara | " 14 |
| L-INDJA: Art Tal-Kuntrasti | " 15 |
| Id-Dar Tiegħi | " 18 |
| Kif Insiru Maturi | " 20 |


**KALENDARJU FRANĠISKAN** **SETTEMBRU 1981**

1 ta' Settembru: *B. Beatrice de Sylvia,* Verġni, II Ordni — Tifkira.

2 ta 'Settembru: *B. Ġanfranġisk Burte', B. Severinu Girualt u Sħabhom,* Martri, I Ordni — Tifkira.

4 ta' Settembru: *Santa Roża ta' Viterbo,* Verġni, III Ordni — Tifkira.

17 ta' Settembru: *MISSIERNA SAN FRANĠISK T'ASSISI FIL-GĦOTI TAL-PJAGI MQADDSA* — Festa.

18 ta' Settembru: *San Ġużepp ta' Copertino,* Saċerdot, I Ordni — Tifkira (0).

20 ta' Settembru: *San Franġisk Marija minn Camporosso,* Reliġjuż, I Ordni Tifkira (0).

23 ta' Settembru: *Santa Klara Ta' Assisi* (Fit-tifkira ta' meta nstab Ġisimha) — Tifkira.

26 ta' Settembru: *San Elizearju de Sabran u Martu, il-Beata Delfina,* III Ordni — Tifkira.

Editur
Responsabbli:
**P. Philip Cutajar**
**Kunvent Tal-Kapuċċini**
**Floriana**
**Malta**
**Tel. 25525**

Stamperija:
**CharVin Press & Co. Ltd.**
**Factory 191,**
**Industrial Estate,**
**Luqa.**
**Tel. 784381/2**

# DAWL FRANGISKAN

**LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN**

L-EWWEL SENA — SETTEMBRU 1981 — Nru. 6

# Fejn Hemm id-Dubju, Hallini Ndaħħal il-Fidi

Fil-kamp reliġjuż il-bniedem li għandu l-fidi huwa dak li jaċċetta... jemmen... u jgħix bir-rieda, bil-liberta' u bl-imħabba l-verita' kollha rivelata. It-tlett elementi: *taċċetta... temmen...* u *tgħix* b'impenn il-fidi, ma jistgħux jiġu mifruda minn xulxin u għaldaqstant it-tlieta flimkien jibnu t-twemmin nisrani veru. Li tqaċċat wieħed minn dawn it-tlett elementi jew tirreduċi kollox f'wieħed biss minnhom — bħalma ppruvaw jagħmlu R. Bultmann, P. Tillich, H. Braun u oħrajn — tkun qed tneżża' l-fidi mir-rikkezza tagħha kif ukoll mid-dmirijiet li hemm marbuta magħha.

Meta nitkellmu mill-fidi fi żmienna, imqabbla ma' żminijiet oħra, b'mod speċifiku għalina tal-punent, ma nistgħux ngħidu li ma jeżitux diversi karatteristiċi, sintomi tal-kriżi li l-istess fidi għaddejja minnha. Wieħed faċilment jinnota abbandun, li dejjem qed jikber, mhux biss ta' attivitajiet reliġjużi (quddies, talb, sagramenti, eċċ), imma anke tat-twemmin sħiħ f'Alla, fi Kristu, fil-Knisja u f'dak kollu li jolqot il-ħolqien u d-destin tal-bniedem.

Il-fidi għaddejja minn mument kritkiu. Il-kwantita ta' kitbiet fuq l-hekk imsejħa "teoloġija tal-mewt ta' Alla" kixfet dan il-mument kritiku. Awturi radikali tat-"teoloġija tal-mewt ta' Alla", għalkemm jistqarru li huma nsara, bħal W. Hamilton, G. Vahanian u l-aktar radikali Th.J.J. Altizer, jirreduċu f'miżura antropoloġika dak li n-nisrani jaċċetta f'Alla u fid divin.

Anke kittieba moderati, esponenti ta' l-istess teoloġija, bħal H. Cox, J.A.T. Robinson, P. Tillich, D. Bonhoeffer, R. Bultmann, jirriskjaw ħafna, u diversi drabi jaqgħu f'li jneħħu mill-fidi nisranija dak li ma jlaħħaqx mal-maturita' tar-raġuni li l-bniedem modern jippossjedi. Mill-Kristjaneżmu jridu jżommu lil Kristu bħala ċentru, imma mill-Persuna tiegħu warrbu għal kollox, jew almenu jħallu f'ombra mudlama, id-divinita' u l-qawmien mill-imwiet. Fil-Knisja u fl-istruttura tagħha jaraw biss riżultat ta' ideoloġija u realizzazzjoni ta' avvenimenti storiċi, aktar milli post stabilit minn Kristu għall-ħajja ta' min jemmen; u, fl-aħħar, mill-imħabba nisranija jżommu biss id-dimensjoni orizzontali.

Dan il-moviment sab art fertili f'diversi nsara u qajjem kriżi f'ħafna ndividwi. Minn dan il-kurrent ħarġu b'għaġla kbira "teo-

loġiji" oħrajn li komplew ħarxu l-kriżi tal-fidi fi żmienna. Ħarġu: it-teoloġija tal-liberazzjoni, tas-sekularizazzjoni, tar-rivoluzzjoni li, għalkemm kollha huma dipendenti għal ċirkustanzi l-biċċa l-kbira ġeografikament lokalizzati, qed jagħmlu ħafna ħsara.

Ma' dawn wieħed irid iżid dawk li, bi ħsara kbira għall-fidi nisranija, ipprofittizzaw li fil-futur ser ikollna soċjeta' li ma' temminx. Minn oqsma diversi — filosofiċi, reliġjużi, psikoloġiċi, soċjali — awturi bħal A. Comte, L. Feuerbach, F. Nietzsche, S. Freud, K. Marx — fost l-oħrajn — ibbażaw il-pronostiċi tagħhom fuq il-ġudizzju żbaljat li l-fidi reliġjuża, u anke l-fidi Kristjana, hija frott tal-moħħ (ħsieb) tal-bniedem mhux evolut; 'il quddiem il-bniedem f'evoluzzjoni aktar progressiva, l-fidi ssir għalih bla bżonn u bla sens.

Quddiem din is-sitwazzjoni kritika li minnha hi għaddejja l-fidi fi żmienna, aktar minn qatt qabel hija attwali t-talba franġiskana: *Fejn hemm id-dubju, ħallini ndaħħal il-fidi.*

Il-Knisja tħeġġiġna biex ngħinu lil dawk ħutna li, mimlijin bid-dubji, il-fidi fihom hija bierda, tinsab f'agonija jew mejta. Infittxu li ndaħħlu l-fidi fejn hemm id-dubju: u dan nagħmluh *"l-aktar bix-xhieda ta' fidi ħajja u fformata sewwa, jiġifieri edukata biex tkun tista' tħares ċar lejn id-diffikultajiet u tirbaħhom. Din il-fidi għandha turi l-frott tagħha billi tpipenetra l-ħajja kollha, anke fil-qasam profan, ta' dawk li jemmnu, u tħeġġiġhom għall-ġustizzja u mħabba l-aktar lejn dawk li jinsabu fil-bżonn"* (Il-Knisja fid-Dinja tal-lum, n.21e).

Anke San Franġsk t'Assisi jkompli, fit-23 kapitlu tar-Regula tal-1221, jistedinna biex nibqgħu sħaħ sa l-aħħar fl-istqarrija tal-fidi vera: *"U aħna, l-Aħwa ż-Żgħar, qaddejja li ma niswew għal xejn nitolbu bl-umilta' kollha u nħeġġu lil kulħadd biex jibqa' sa l-aħħar fl-istqarrija tal-fidi vera u fil-penitenza, għax ma hemmx triq oħra li twassal għas-salvazzjoni"*. It-talb u l-penitenza (konverżjoni kontinwa) għal Missierna San Franġisk huma l-aqwa pilastsri li fuqhom tissaħħaħ il-fidi mogħtija lilna minn Alla dak n-nhar tal-magħmudija.

Insaħħu fina, l-ewwel u qabel kollox, il- fidi tagħna bit-talb u l-penitenza bil-għan li wara nkunu nistgħu nsaħħu u ngħinu lil ħutna fil-fidi tagħhom. L-azzjoni ta' Alla titlob kontinwament il-kollaborazzjoni tal-bniedem kemm bħala individwu kif ukoll bħala Knisja. Hekk jitlob kontinwament in-Nisrani mqanqal minn fidi sħiħa...hekk titlob il-Knisja: *"Tiġi Saltnatek"*. Din hija talba li fl-istess waqt trid tkun espressjoni tad-dipożizzjoni tagħna biex naħdmu flimkien bejnietna u ma' Alla għat-tixrid tal-fidi biex b'hekk is-saltna ta' l-imħabba, tal-paċi u l-għaqda tkompli sseħħ fost il-bnedmin kollha. Dan isir permezz ta' l-*"Amen"* tagħna għall-fidi nisranija .B'din l-*"Amen"* tiegħek u bl-impenn sħiħ u kontinwu li ġġib magħha inti fid-dmir li tkun "ħmira" fl-ambjent li fih tgħix... biex ikun ambjent fejn tassew il-fidi tgħix, taħdem, tbiddel u tagħmel il-mirakli.

Il-Mulej jagħtikom is-sliem.

*L-Editur*

# L-Akbar Att ta' Mhabba fl-Gherusija

*William Axiaq, kapuċċin*



Fejn qabel l-għerusija kienet imħarsa minn fuq b'mod tant esaġerat li kien iġiegħlek tidħak, illum il-ġurnata dak iż-żmien ta' tħejjija għaż-żwieġ tant ma għadux ikkontrollat kif kien fl-imgħoddi li f'ċerti każi jġiegħlek tibki, meta tara kif qegħdin iġibu ruħhom ċerti miżżewġin ta' għada.

L-għerusija hija ħaġa serja u serja ħafna. L-għerusija huwa żmien ta' trawwim fl-imħabba bħala garanzija ta' żwieġ bħan-nies iżjed 'il quddiem. L-għerusija mhuwiex żmien ta' kapriċċi, sensiela ta' dnubiet bla rażan, prattika taż-żwieġ minn qabel bla biża' u bla skruplu ta' xejn. L-għerusija mhuwiex żmien li fih tnejn jippruvaw igħaddu ż-żmien b'xulxin minn għalihom qegħdin iħobbu 'l xulxin. Altru tħobb... altru tipprofitta ruħek b'ħaddieħor. Hemm qabża kbira ħafna bejn li tħobb u li tuża 'l ħaddieħor għall-kapriċċ ta' rasek bl-iskuża vojta li tħobbu.

Illum il-ġurnata l-għerusija hija rvinata kemm mill-mentalita' pagana ta' żminijietna, kif ukoll mill-opinjoni pubblika, li qegħda tiġi ffurmata ħażin fuq is-sesswalita' qabel iż-żwieġ. Ma' dawn iż-żewġ affarijiet jiżdied il-fatt li ċerti għarajjes iħarsu lejn l-għerusija bħallikieku din hija xi ġinnastika sesswali biss u daqshekk

Fi żmienna nstemgħu ilħna jgħidu li d-dnub kontra l-kastita' huwa li tipprova tkun kast, kliem li jogħġob lil min qiegħed jistenna l-bajtra taqa' f'ħalqu.

## TINBIH IS-SOĊJETA'

Hawn ċerti idejat jiġru mas-saqajn, li qegħdin igħidu lill-għarajjes :"Intom żgur li bi ħsiebkom tieħdu lil xulxin bi żwieġ? Jekk iva, allura, minn issa stess għandkom kull jedd titħarrġu f'dawk id-drittijiet tal-miżżewġin, basta ma tinqabdux".

"Intom ilkom għarajjes u għadkom ma żżewwiġtux kontra qalbkom, għaliex diffiċli ssibu post fejn tmorru toqogħdu? Jekk dan huwa l-każ, allura, għalqu għajnejkom, għaliex intom diġa miżżewġin ġa la darba tinsabu f'ċirkustanzi, li m'għandkomx kontrol fuqhom. Dak li jonqoskom hu daqsxejn ta 'ċerimonja fil-knisja, li ddudm inqas minn siegħa, il-bqija intom diġa ta' xulxin b'dak kollu li din il-kelma tiġbor fiha".

"Intom mhux veru li tħobbu tassew lil xulxin? Allura għalfejn qegħdin tħabblu raskom. Kif jista' jkun tħobbu daqshekk lil xulxin, u tibqgħu lura milli ssiru ħaġa waħda bejnietkom, meta tħossu l-bżonn? L-aqwa illi tħobbu lil xulxin u intom maturi. Il-bqija tħabblux raskom ,u kkonvinċu ruħkom li m'hemm xejn ħażin bejnietkom anzi l-ħażin qiegħed f'li dawk l-affarijiet li jgħidulhom drittijiet tal-miżżewġin ma jsirux bejnietkom għaliex f'dan il-każ tibirdu minn xulxin".

## IL-BIŻA' TA' L-GĦARUSA

Mhiex is-soċjeta' biss li qiegħda ġġiegħel lill-għarajjes jagħlqu għajnejhom u jagħmlu użu mid-dritt taż-żwieġ qabel ma jintrabtu għal dejjem flimkien. Anke l-għarus qiegħed ikun ta' okkażjoni biex it-tfajla tiegħu jġegħilha tagħmel dak li ma jixraqx. Il-każi tal-għarusa li ġġiegħel hi lill-għarus biex jagħmel dawn l-affarijiet huma iżjed rari.

Ġieli tiltaqa' ma' tfajliet u xebbiet li jgħidulek li qegħdin jagħmlu d-dritt tal-miżżewġin ma' l-għarus tagħhom għaliex dan ikun irid hekk u jekk ma jikkuntentawhx, jagħmel in-nervi, il-buri u jibżgħu li fl-aħħar jiddejjaq u jitlaqhom. Huma diversi l-każi ta' fornikazzjoni fl-għerusija li ġejjin minn din il-biża mhux raġunata u mid-djufija ta' karattru fit-tfajla jew xebba li tkun. Dawn insew li meta d-dagħdigħa tat-tentazzjoni tgħaddi minn fuq il-għarus tagħhom, dan tgħidx kemm jagħtiha raġun u jiddandan bil-kwalita ta' għarusa li għandu.

Oħrajn jirraġunaw li aħjar joqgħodu għall-għarus tagħhom milli jkollhom il-biża' li l għarus tagħhom imur ma' ħaddieħor minn warajhom, ħaġa li ma jridu bl-ebda mod. Dawn it-talin qegħdin jinsew li l-għarus tagħhom dak li ma jkunx azzarda jagħmel matul l-għerusija, jista' jagħmlu wara ż-żwieġ, għaliex ikun diġa xaba' sesswalment minn martu kemm damu għarajjes.

Kemm tfajliet u xebbiet kienu jbiegħu l-għaqal qabel ma bdew jinnamraw u qabel ma daħlu fl-għerusija biex imbagħad, tilfu kollox minħabba ħafna biża' żejda li ħassrilhom ġieħhom.

## IĊ-ĊAJT HEMM IWASSAL

Bil-malti ngħidu li min jilgħab man-nar jinħaraq. U veru! Ċerti għarajjes waslu fejn waslu fil-kunfidenzi ta' bejniethom, għaliex ma qagħdux attenti u prudenti u għaliex ma kinux jobsru x'qawwa tiġbor fiha s-sesswalita' bejn żewġ sessi. Ma kinux jafu li din, jekk taħsel tagħmel, ma tagħmilx ħaġa oħra għajr li ġġiegħlek tagħmel biss dak li tikkmandak hi.

Il-għarajjes bejniethom qatt ma jibdew bil-goff fi kwistjonijiet sesswali. Dan jaslu għalih bil-mod il-mod. F'din il-kwistjoni l-ġisem dejjem irid, u dejjem irid iżjed u affarijiet ġodda u, waqt li jsir hekk il-bniedem, bla ma jinduna, mis-seba' jieħu l id kollha.

Huma diversi l-għarajjes li jgħidulek: "Qatt ma konna nobsru fejn nistgħu naslu!"

L-eżeġerazzjonijiet sesswali fl-għerusija l-ewwel jibdew b'kunfidenzi żgħar. Dawn ħelu ħelu jwasslu għal "necking" jew "petting" superfiċjali (atti li "jistgħu" jqajjmu l-passjonijiet sesswali). Dawn l-għemejjel jistgħu jwasslu għal "heavy petting" (atti li min-natura tagħhom stess u lil hemm mill-intenzonijiet ta' min jagħmilhom, bil-fors jipprovokaw il-passjonijiet sesswali). U din il-għamla ta' kunfidenzi tista' twassal għall-fornikazzjoni.

Il-ġisem f'affarijiet sesswali qatt ma jixba' b'dak li tagħih... dejjem irid u dejjem irid jiffanga. Hekk magħmul. Imbagħad ikun diffiċli twaqqfu la tkun tajtu l-lala u rvellajtu. Dun Ġorġ Preca, li tant kien jaf kif taħdem in-natura umana, kien iħobb igħid sentenza, li tiġbor ħafna għerf fiha nfisha. Kliema kien idoqq hekk: "Kelli ħmar paxxejtu, meta ikkmandajtu ma obdinix". Dan il-ħmar huwa l-ġisem, li iżjed ma jiġi ssodisfat fil-passjonijiet tiegħu, iżjed jitkarrab.

Hawnhekk it-tfajla trid tkun taf li ż-żagħżugħ tagħha huwa raġel u, allura, bniedem li sesswalment huwa iżjed aggressiv minnha. Minħabba din ir-raġuni trid tkun qaddisa u għaqlija biżżejjed biex tmur tiltaqa' miegħu dejjem u kullimkien b'ilbies deċenti u bi kwalita' ta' fwieħa ċivili.

U meta l-għarajjes ikunu flimkien iridu jkunu nsara biżżejjed, biex jaraw x'films jaraw flimkien u xi kwalita ta' diski jisimgħu iżjed u iżjed meta jkunu waħidhom u ħdejn xatt il-baħar.

## L-IKBAR IMĦABBA

Hawnhekk mhux se noqgħod intambar li l-għarajjes ma jistgħux jagħmlu użu mid-dritt tal-miżżewġin qabel il-waqt bla ma jagħmlu dnub. Din il-ħaġa dejjem kienet mgħallma mill-Iskrittura Mqaddsa (1 Kor. 5,1;6.9;7,2;10,8; Ef. 5,5; 1 Tim. 1,10; Lhud 13.4; 1 Kor 6,12-20) u mit-tagħlim uffiċċjali tal-Knisja Kattolika.

Biex tagħqad kważi sitt snin ilu l-Vatikan ħareġ dikjarazzjoni fuq ċerti problemi dwar etika sesswali fejn reġa' saħaq li l-att taż-żwieġ qabel iż-żwieġ huwa dnub, u taħt l-ebda raġuni ma jista' jiġi permess (n.7).

L-aħħar Konġilju Vatikan II din il-ħaġa għamilha ċara fuq li ċara: "L-aspett morali ta' l-imġieba ma iddependix biss mill-intenzjoni sinċiera u minn kif wieħed jaħsibha fuq r-raġunijiet li għandu, imma għandu jkun determinat minn kriterji oġġettivi, li jittieħdu mn-natura tal-persuna umana u tal-għamil tagħha, u li jżommu sħiħ it-tifsir tad-donazzjoni lil xulxin u tal-prokreazzjoni tal-bniedem, f'ambjent ta' vera mħabba, u dan ma jistax isir jekk ma tkunx imħarsa b'rispett il-virtu' tal-kastita' bejn il-miżżewġin" (GS 51, 49).

Hawnhekk irrid nuri l-ikbar att ta' mħabba li l-għarajjes insara jistgħu juru lil xulxin mhux tassew li

qiegħed fl-att taż-żwieġ, li f'ħafna każi sar moda fost l-għarajjes. L-ikbar att ta' mħabba fost l-għarajjes jinsab fil-formazzjoni nisranija tagħhom, li ġġegħelhom iżommu ħafna lil xulxin fil-grazzja ta' Alla u, allura, 'il bogħod mid-dnub.

L-għarus nisrani jkun qiegħed iħobb tassew lill-għarusa tiegħu jekk ikun kapaċi, akkost tas-sagrifiċċju, jikkontrolla l-passjonijiet tiegħu, meta jkun mat-tfajla, u jżomm quddiem għajnejh li t-tfajla, li jgħid li jħobb, mhiex biċċa laħam biss jew laboratorju ta' sperimentazzjonijiet sesswali, imma hija persuna mżejna b'ġisem safi, imma wkoll bi spirtu u b'ruħ u, allura, għandu jibżagħlha għal dawn il-valuri kollha, li tiġbor f'persunitha.

Mhux veru li jkun iħobbha jekk iwaqqagħha fid-dnub bħallikieku xejn. Igħid li jrid.

Il-għarusa tkun tħobb ħafna lill-għarus tagħha jekk titgħallem maż-żmien mhux toqgħodlu għal kollox, imma jekk titrawwem kif tikkontrollah, waqt li tkompli tikber fl-imħabba lejh. Tkun qiegħda tħobbu tassew jekk taħdem kemm tiflaħ, biex iżżommu ħafna fil-grazzja ta' Alla, allavolja kultant tkun imxenqa hija wkoll għal ċerti turijiet ta' mħabba mill-aktar profondi u intimi. Hija trid tiftakar li l-għarus tagħha għandu ruħ xi jsalva, u ma jistax ikun li jsalvaha, jekk mhux permezz tal-għaqal u l-qdusija tal-mara futura tiegħu.

Jibqgħu ċerti l-għarajjes — fil-fond ta' qalbhom jagħtuna raġun — li m'hemmx imħabba ikbar minn din bejn l-għarajjes insara. Din konvinti minnha dawk l-għarajjes li qegħdin igħixu b'mod tassew nisrani l-għerusija tagħhom, u li ma jonqsux fil-gżejjer Maltin.

## IMĦABBA TA' SAGRIFIĊĊJU

Kristu qal: 'Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu" (Ġw.15. 13).

L-ebda għarus jew għarusa ma jistgħu jikkonvinċuni li jħobbu tassew lil xulxin jekk ma jkunux jafu jissagrifikaw il-passjonijiet tagħhom, biex iżommu ħafna lil xulxin fil-qdusija, fis-safa u fl-imħabba ta' Alla.

Dan huwa l-ikbar att ta' mħabba fost l-għarajjes, u hawn qiegħed l-aħjar mod kif jistgħu jersqu flimkien imħejjija tajjeb għall-quddiesa tat-tieġ fejn dan l-att ta' mħabba mimlija sagrifiċċju jingħaqad mas-sagrifiċċju ta' Kristu fuq is-salib, u jsir għalihom għajn ta' barka fir-relazzjonijiet u d-drittijiet tagħhom u garanzija ta' ħafna mħabba u fedelta fiż-żwieġ.

**NIFIRĦULHOM.........**

**NAWGURAWLHOM...**

**U NITOLBU GĦALIHOM!**

O ORDINAZZJONI SAĊERDOTALI: 50 Sena

Ħuna: Anġeliku Gatt li qaddes fit-23 ta' Awissu 1931.

25 Sena

L-Aħwa Tagħna:
Alexander Schembri — 29 ta' Lulju 1956
Cherubin Ellul — 29 ta' Lulju 1956
Charles Bugelli — 29 ta' Lulju 1956
Joseph Garzia — 21 ta' Settembru 1956
Anselmu Bartolo — 22 ta' Diċembru 1956
Philip Attard — 22 ta' Diċembru 1956
Robert Brett — 29 ta' Lulju 1956

O DĦUL FL-ORDNI FRANĠISKAN KAPUĊĊIN:

25 Sena

L-Aħwa Tagħna:
Valentin Calleja
Patrizju Debattista
Kostantinu Bezzina — 21 ta' Ottubru 1956
Paskal Caruana
Marcellinu Vella — 8 ta' Diċembru 1956

O PROFESSJONI SOLENNI: 25 Sena

Ħuna: Anton Vella — 5 ta' Frar 1956

# Naghmlu bhal Missierna San Frangisk

Għeżież Ħuti Franġiskani,

Aħna nissejħu FRANĠISKANI, għaliex għażilna mir-rieda ħielsa tagħna li nersqu lejn Alla billi nilbsu kemm nistgħu l-kwalitajiet ta' Missierna San Franġisk, u nwettqu dak li wettaq hu biex qeda bil-mod singulari tiegħu lil Alla Missier.

Kif rajna fl-aħħar ħarġa, ir-Rev.mi Superjuri Ġenerali ta' l-erba' Familji Franġiskani ħeġġewna biex, bħala ċelebrazzjoni ta' għeluq it-tmien mitt sena mit-twelid tal-Fqajjar ta' Assisi ,aħna nistudjaw kif nimitaw lil dan is-Serafiku Missierna.

Ta' veru "KRISTU IEĦOR", San Franġisk ħabb immensament lil Sidna Ġesu' Kristu. Ħabbu mhux b'ir-ħabba AFFETTIVA biss, b'dik l-imħabba jiġifieri li tinbet u tibqa' fil-qalb, bħal meta noħolmu ħolma; iżda ħabbu wkoll b'imħabba EFFETTIVA, b'dik l-imħabba li tinbet fil-qalb, iżda li tikber u tant tkun qawwija s-sħana tagħha, li toħroġ barra minnha, biex timla' kullimkien bis-sħana tajba u bir-rieħa tfuħ tagħha. L-imħabba effettiva tagħmel dan, billi, *għax tassew tħobb u għax tassew trid il-ġid ta' min hi tħobb,* tinfexx f'kull opra tajba possibbli, b'risq il-persuna maħbuba.

Hekk għamel San Franġisk Missierna ma' Ġesu' Kristu: ħabbu mmensament u tant ħabbu b'imħabba effettiva, li kien jagħmel kull ma kien possibbli għalih, biex jarah magħruf, maħbub, moqdi u segwit minn kulħadd. San Franġisk wasal għal din l-imħabba lejn Sidna Ġesu' Kristu, daqs kemm lil Sidna Ġesu' studjah u pprova jsir ħaġa waħda miegħu.

Għaliex il-vera mħabba trid tibda billi *tapprezza* l-oġġett maħbub fin-natura, fil-kwalitajiet, fil-kapaċitajiet u bil-prerogattivi tiegħu. Iżjed ma ċurkett nagħrfuh u napprezzawh fil-valuri tiegħu, iżjed nintrabtu miegħu, iżjed nibżgħu għalih u iżjed nagħmlu kull ma jkun possibbli għalina biex nutilizzaw il-valuri tiegħu. San Franġisk studja u skopra 'l Ġesu' Kristu mhux fl-idejat u fil-kotba ta' awturi umani bħalna: studjah u skoprih fil-Ktieb Divin li jiġbor fih il-ħajja u l-messaġġ ta' Ġesu' Kristu, jiġifieri fl-Evanġelju Mqaddes, li San Franġisk ried jaqrah u jistudjah "sine glossa": mingħajr żidiet, spjegi u kummenti arbitrarji.

Hekk għandna nagħmlu aħna. Bħas-Serafiku Missierna, nistudjaw kemm nifilħu l-Evanġelju. Niskopru fih u nħobbu mmensament lil Ġesu'. Naħdmu kemm nifilħu biex narawh magħruf, maħbub u segwit mill-oħrajn ,biex hekk noħolqu u nkattru l-FAMILJA FRANĠISKANA, li hija b'mod speċjali mibnija direttament u mmedjatament fuq Ġesu' Kristu.

Insellmilkom.

*P. Feliċjan Bilocca, kapuċċin*
*Ass. Prov.li tal-O.F.S.*

# Kumment tar-Regula ta' l-Ordni Frangiskani Sekulari

# KIF NASLU GHAND ALLA MISSIERNA

*Test*: "Kristu huwa l-verita' li l-Ispirtu s-Santu jdaħħalna fiha" (Ġw.3,16; 14,6).
(Kap.2, parag.4b)

*Riflessjonijiet*: —

1. Fl-aħħar kumment, rajna li Ġesu', bniedem perfett u Alla perfett, huwa t-*Triq* li twassalna għand il-Missier. Illum irridu narawh bħala l-*VERITA'* li turina min hu dan il-Missier.

Għaliex aħna m'aħniex xi siġra jew xi annimal, ukoll minn fost l-isbaħ li Alla ħalaq. Aħna m'aħniex kreaturi purament materjali jew purament materjali-sensibbli bla ruħ, jew b'ruħ veġetattiva biss, bħas-siġar, jew b'ruħ veġetattiva-sensittiva biss, bħal dik ta' l-annimali, li tispiċċa mal-mewt tagħhom, għaliex hija l-enerġija bħala element essenzjali għalihom, iżda li jispiċċa ma' l-istess materja.

Aħna l-bnedmin, għall-grazzja t'Alla, aħna kreaturi speċjali, li, bi gradazzjoni stupenda li turi l-għerf infinit u l-omnipotenza t'Alla, ngħixu l-ħajja veġetattiva bħall-fjuri, u sensittiva bħall-annimali, iżda li wkoll dawn iż-żewġ ħajjiet ngħixuhom bis-saħħa tar-RUĦ SPIRITWALI, li tgħajjex lilna bnedmin fil-ħajja veġetattiva u sensittiva tagħna, bla ma tmut mal-ġisem tagħna: għaliex bħala spiritwali mhix komposta, hija ma tinħallx u tibqa' tgħix għal dejjem. Anzi, mhux tibqa' tgħix għal dejjem hi, iżda, b'miraklu li jista' jagħmlu Alla biss, fil-qawmien mill-imwiet terġa' tingħaqad mal-ġisem biex tgħajjex għal dejjem lil dan ukoll.

2. Hi din ir-ruħ spiritwali li tagħmilna BNEDMIN. L-intelliġenza tagħha hija tħaddimha b'moħħna, bħal pjanista li ddoqq bil-pjanu, biex aħna nsiru kapaċi ngħarfu lilna nfusna, ngħarfu 'l min ħalaqna, biex ngħarfu l-missjoni tagħna li nikkoperaw Miegħu kemm indumu f'din id-dinja, biex imbagħad, jekk inkunu kkoperajna Miegħu, immorru ngawduh għal dejjem.

Din li "ngħarfu" nagħmluha bis-saħħa tal-VERITA': bis-saħħa, jiġifieri, li meta ngħarfu l-Ħallieq, ngħarfu wkoll il-pjan regolatorju Tiegħu għall-ħolqien kollu, biex nistgħu inqabblu Miegħu kull kelma li ngħidu u kull ħidma li nwettqu. Għalhekk, la Alla huwa Wieħed, waħda wkoll hija l-VERITA' FUNDAMENTALI li rridu ngħixu u naħdmu fuqha. Din hija l VERITA' T'ALLA. Lilna min għarrafhielna?

3. Għarrafhielna Sidna Ġesu' Kristu u nsibuha fl-Evanġelju Mqaddes kif tfissirulna Ommna l-Knisja Mqaddsa. Huwa għalhekk li Ġesu' huwa l-VERITA' TAGĦNA, għaliex fit-tagħlim Tiegħu insibu kif ngħixu u naħdmu skond Alla l-Missier, biex għada pitgħada ngawdu l-Dan il-Missier għal dejjem.

*Konklużjoni Prattika*:

Naqraw spiss it-tagħlim ta' Ġesu' fl-Evanġelju, biex insiru nafu kif inqabblu kull ma ngħidu u kull ma nagħmlu mal-pjan regolatorju, mal-volonta t'Alla Missierna. U hekk naslu għandu.

# SANTA LIBERATA MARTRI MEQJUMA FIL-KNISJA TAL-PATRIJIET KAPUCCINI FIL-KALKARA - MALTA



*Kan. Dun Nikol Vella Apap, O.F.S.*

## Talba F'Ruma Għall-Ġisem Imqaddes Ta' Santa Liberata

**Ta' kull sena fir-raba' ħadd ta' Settembru ssir il Festa ta' Santa Liberata fil-knisja tal-Patrijiet Kapuċċini fil-Kalkara. F'din il-kitba sejrin niktbu l-ġrajja fil-qosor ta' meta nġieb minn Ruma l-Ġisem Imqaddes ta' din il-Qaddisa Martri.**

*"Meta, għal daqstant ir-Rev. P. Feliċ Marija mill Belt Valletta kien mar sa Ruma mal-Fratell Lajk. Fra Innoċenz mill-Belt ukoll, għall-Ġublew tal-1750, u fil-20 ta' Ottubru ta' l-istess sena, lemaħ il-Papa Beneditt XIV ħiereġ mill-knisja fejn mar jadura s-SSmu. Sagrament espost għall-Karanturi, intefagħlu bil-ġiri f'riġlejh u talbu umilment biex, flimkien mal-barka tiegħu, jagħtih "Korp Sant" għall-Knisja ġdida tal-Kunvent tiegħu fil-Birgu. Dak il-ħin stess P. Feliċ ippreżenta supplika dwar din ix-xewqa tiegħu. Il-Papa, kif qara fiha ta' liema ħtieġa kien għal dik il-knisja l-Ġisem mitlub, bi tbissisma t'approvazzjoni, wieġbu bil-ferħa: 'Tajjeb, tiġi maqtugħa din ix-xewqa tagħkom'. U dritt newwel is-supplika lill-Monsinjur Sagrista u taħ l-ordni li jagħtihom "Korp Sant". Wara ġimgħa, fis-27 ta' l-istess Ottubru, dawk iż-żewġ Kapuċċini reġgħu marru għand l-imsemmi Monsinjur b'kaxxa magħhom, kif qallhom hu, ħalli fiha jpoġġilhom il-Ġisem sħiħ li kien wegħedhom il-Papa. Huwa tahom, b'ferħ immens tal-qlub tagħhom, il-dak biss li ġa konna semmejna, misjub fiċ-Ċimiterju ta' S. Kallistu, bl-impolluzza taddemm li kienu biha sabuh, u bil-klawsula espressa: 'għall-knisja tal-Kunvent ta' Vittorjosa, cioe' l-ġisem prezzjożissimu ta' l-invitta Martri ta' Kristu, Santa Liberata'.* (1)

## Il-Wasla F'Malta Tal-Ġisem Ta' Santa Liberata Martri

*"Akkwistat it-teżor ta' dan il-"Korp Sant" u meħud anke, mill-imsemmija żewġ Kapuċċini f'dik id-dar li kellhom f'Ruma s-Sinjuri aħwa maltin: Andrea u Enrico De Pietro; tlitt ijiem wara, jiġifieri nhar il-31 ta' Ottubru, qabdu t-triq għal Malta. Ix-xkiel u l-perikli li ltaqgħu magħhom matul il-vjaġġ sew fuq l-art kemm ukoll fuq il-baħar, kienu bosta u mill-kbar, iżda minnhom ilkoll Alla ħeles 'il dak it-teżor u mħabba fih 'il*

*dawk ukoll li vvjaġġaw miegħu. B'reħiet hekk, ma' sebħ it-2 ta' Jannar tal-*1751, *għal xi l-erbgħa, nnexxielhom jidħlu l-port bis-sliem u jinżlu l-art b'dak l-għadam magħhom, qawwijin u sħaħ. Imwasslin bih il-Kunvent tagħhom tal-Birgu, ħuthom il-Patrijiet laqgħuhom b'ferħ u merħba l-iżjed kbira u tal-qalb. Fil-*21 *ta' Lulju tas-sena msemmija, l-Patri Gwardjan (P. Anselmu mill-Belt Valletta) flimkien mar-Rev. P. Pietru, qabad kaxxa ta' dawk l-imqaddsa relikwi, u għadha ssiġillata kif inġiebet minn Ruma, tala' biha l-Imdina għand Mons. Isqof Fra Paolo Alpheran De Bussan għal meħtieġa rekonjizzjoni tagħhom".* (2)

## It-Translazzjoni Tal-Ġisem Ta' Santa Liberata għall-Knisja tal-Kapuċċini

*"Fis-*16 *ta' Settembru* 1752, *lejlet it-Translazzjoni tagħha, il-P. Gwardjan, flimkien ma' sitt Patrijiet Kapuċċini, ttrasportha bil-lejl, hekk kif kienet ġo l-arka, għand il-Mons. Inkwiżitur Passionei. Dan raddilha l-qima tiegħu b'devozzjoni mħeġġa, u mingħandu ħaduha fil-Monasteru ta' Santa Skolastika, fejn għal tlett sigħat irċeviet il-ġieħ ta' dawk ix-xbejbiet servi t'Alla, imtajrin bil-ferħ għal din iż-żjara li kellu x-xorti jkollhom. Minn hemm imbagħad, ġiet meħuda fl-imsemmi Oratorju tas-S.S. Kruċifiss u hemm xi Qassisin taw bidu għas-Salmodija tal-Uffiċċju Divin, li ssuktat sejra sas-sebħ tal-għada".*

*"L-għada, il-jum solenni, il-familja tal-Kapuċċini, imgħaqda mal-Kleru tal-Birgu, ttrasportaw proċessjonalment, f'nofs l-isparar u d-daqq tal-bronż imqaddes tat-tlett ibliet, il-qaddisa fil-Knisja Matriċi ta' San Lawrenz li kienet imżejna bil-kif u kellha fuq il-bieb tal-faċċata, skrizzjoni sabiħa tal-M.R.S. Don Vittorio Grixti, Kanċillier tas-S.Uffiċċju".*

*"Imdaħħla l-Knisja, x'ħin sar il-ħin, ħarġet il-quddiesa solenni li kantaha l-W.R.S. Parroku Don Andrea Decaro, benefattur kbir tal-Kapuċċini, fost il-kant ta' orkestra brillanti. Wara nofs in-nhar, bl-istess mużika, tkanta wkoll l-għasar u kif spiċċa, tela' jinseġ l-Orazzjoni Paneġirka f'ġieħ il-Qaddisa l W.R.S. Don Gio Batta Falzon, Kantur tal-Insinji Kolleġġjata ta' San Pawl. U mbagħad bdiet il-proċessjoni, li ħadu parti fiha l-Konfraternitajiet tal-Kruċifiss ta' Bormla (fuq il-*200 *ruħ), ta' S. Rokku, S. Ġużepp, Tal-Kunċizzjoni, Tal-Karita', u tas-SSmu. Sagrament; flimkien mal-Patrijiet Kapuċċini tat-tlett Kunventi, d-Dumnikani, iż-żewġ kleri libsin il-paramenti mqaddsa, u fl-aħħar, wara l-orkestra, l-Arka majestuża bil-"Korp Sant" ġo fiha, merfugħ minn tmien qassisin u tmien patrijiet bir-rukkett u l-pjaneta u mdawwra bit-torċi miżmumin mit-tmien qassisin li kienu jistrieħu mir-refgħa matul it-triq li mill-Knisja ta' San Lawrenz tieħu għal pjazza Sta. Margerita u minn din għall-Kunvent tal-Kapuċċini tal-Birgu, mimlija kollha b'numru immens ta' Maltin imqassma maż-żewġt iġnieb tagħha. B'ordni tal-Gran Mastru Fra Emm. Pinto, il-Forti San Mikiel ta s-salut lill-Qaddisa, matul il-proċessjoni, bit-tiri jidwu tal-kanuni tiegħu. Iż-żewġ mini ta' Sta. Margerita u tal-Kalkara, li minn taħthom din kellha tgħaddi, kienu mżejna rikkament: l-ewwel waħda spejjeż tal-Ill.ma Sinjura Margerita Sciberras, oħt l-Arċidjaknu tal-Kattidral u Isqof ta' Epifania, u t-tieni saret bit-tħabrik ta' wieħed Fratell Lajk Kapuċċin. Fejn din ta' l-aħħar kien jassisti għall-mogħdija tal-proċessjoni l-eċċellentissimu Sur Buremi ta' Lesse Fra S. Martino Pinto, ħu l-Gran Mastru, bis-segwitu tad-dar tiegħu kollu u baqa' sejjer wara l-Arka, bit-torċi mixgħula f'idejhom sa ma daħlet il-Knisja tal-Kapuċċini".*

*"Din il-Knisja, għalkemm umli, kienet armata b'mod l-iżjed gwapp. Il-faċċata ta' barra kellha wieqfa Immaġini ppitturata tajjeb wisq ta' Santa Liberata, bejn żewġ armi fil-ġnub, waħda tal-Papa Beneditt XIV u l-oħra tal-Gran Mastru renjanti Fra. Emm. Pinto. Minn ġewwa, imbagħad, din il-Knisja kienet tippreżenta dehra tassew grandjuża minħabba l-ornament ta' fjuri, l-mislufa oġġetti tal-fidda u d-dawl bil-kotra li kellha jżejnuha fuq il-kisi tagħha kollha kemm hi b'damask tal-ħarir. Imma l-iżjed minħabba fl-altar maġġur, mimli b'*108 *xemgħat, li fuqu kif daħlet ġiet imqiegħda l-Arka tal-Qaddisa. Iċ-Ċelebrant intona t-Te Deum kantat b'kor mimli mużika, u wara l-orazzjoni tal-Qaddisa u l-barka sagramentali, kellha tmiem is-sollenita' għal dik il-lejla. L-għada folla ta' nies bla għadd ikkonkorriet lejn din il-Knisja biex tagħti qima lill-Imqaddsa Martri".* (3)

B'hekk niġu għat-tmiem tar-rakkont ta' din il-ġrajja storika ta' meta nġieb minn Ruma l-Ġisem Imqaddes ta' Santa Liberata Martri, u li sa llum għadu meqjum fil-Knisja tal-Kapuċċini, il-Kalkara.

---

RIFERENZI:


(1) Ara: *Kewkba Tiddi Fil-Moħbi* jew *Santa Liberata Martri*, M. Rev. P. Gerardu mill-Furjana, O.F.M. Kap., paġ.29-30.

(2) *Ibid.*, op. cit., paġ.35-36.

(3) *Ibid.*, op. cit., paġ. 39, 40, 41, 42.

# Liz-Zghazagh Frangiskani Kapuccini



L-Evanġelju Mqaddes
huwa l-qofol
tal-ħajja kapuċċina.

Iż-żagħżugħ
fil-qari ta' l-Evanġelju
jsib l-ispirazzjoni
tiegħu biex igħix
ħajja kapuċċina.



## HAJJA KAPUCCINA...
## ...HAJJA EVANGELIKA

*"Ir-Regula u l-Ħajja tal-Franġiskani hija din: li jħarsu l-*Evanġelju Mqaddes *ta' Sidna Ġesu' Kristu, billi jisimgħu minn dawk kollha li huma fuqhom, ma jkollhom xejn tagħhom u jgħixu fis-safa".*

(Mir-Regula ta' San Franġisk)

*"U għalkemm il-Mulej tani ħafna Aħwa, ħadd ma wrieni dak li kelli nagħmel, iżda l-Aktar Għoli nnifsu nebbaħni li għandi ngħix fuq it-tifsil ta' l-*Evanġelju Mqaddes. *U jiena, fi ftit kliem u bla toqol, ktibtu u sidna l-Papa wettaquli".*

(Mit-Testment ta' San Franġisk)

**IŻ-ŻGĦAŻAGĦ FRANĠISKANI KAPUĊĊINI
MEMBRI FIL-GRUPPI
TAL-VOKAZZJONIJIET
JIĠU MGĦALLMA
JAQRAW...
JIRRIFLETTU...
JIMMEDITAW...
JAPPLIKAW GĦAL ĦAJJITHOM...
JGĦIXU...**

**IL-KELMIET TA' L-EVANĠELJU MQADDES.**

**GĦAX JAFU LI DAN BISS
HUWA L-PEDAMENT
GĦALL-FUTUR TAGĦHOM.**

Iż-żagħżugħ jitgħallem
jaqsam ma' sħabu
t-tagħlim ta' l-Evanġelju.







Il-Fraternita' Kapuċċina
tikseb is-saħħa tagħha
mit-talb u l-kontemplazzjoni
tal-Kelma t'Alla miktuba.

**GĦAŻIŻ ŻAGĦŻUGĦ**
**KRISTU QED ISEJJAĦLEK**
**BIEX TGĦIX L-EVANĠELJU**
**FI ĦDAN L-ORDNI**
**FRANĠISKAN KAPUĊĊIN!**

*"Il-Maħbub Missierna San Franġisk, li waqqaf l-Ordni tagħna, ġarrab il-ħin kollu, il-qawwa ta' l-Evanġelju, ukoll sa mill-bidu tat-tiġdid ta' ħajtu. Għalhekk, jiftaħ u jagħlaq ir-Regula billi jamar bid-dieher il-ħarsien tiegħu u fit-Testment igħid li kien imnebbaħ li kellu jgħix fuq l-Evanġelju Mqaddes. La aħna wliedu, ejjew inħabirku dejjem f'Ruħ il-Qodos biex nikbru filli nagħrfu u nifhmu l-Evanġelju."*

(Kost. Kapuċċini, Kap.1, n.1)

Iż-żagħżugħ kapuċċin
ikompli waħdu jimtela
bl-ispirtu ta' l-Evanġelju
biex igħix dejjem aħjar
il-kariżma tal-vokazzjoni tiegħu.

Il-Kapuċċin...
jistudja l-Evanġelju biex jgħaddih
lill-oħrajn.







# HABARI GANI?

## [X'Ghandna?, Kif Inti?]

**AWGURI U L-ISBAĦ XEWQAT**
**LIL MONS. LEO WHITE**
**PREFETT APPOSTOLIKU TA' GARISSA**
**F'GĦELUQ IL-25 SENA**
**MILL-ORDINAZZJONI SAĊERDOTALI TIEGĦU**

Mons. Leo White ġie ordnat saċerdot mill-Eċċ. Mons. Giuseppe Pace, Isqof ta' Għawdex, fil-Knisja ta' Sanat' Antnin l-Imġarr, Għawdex, nhar id-29 ta' Lulju 1956. Minn qalbna nifirħulu u wkoll nitolbu għalih.

*Mulej,*
*Int tagħraf il-qlub kollha,*
*Int għażilt lill-qaddej tiegħek Leone*
*biex ikun ir-ragħaj tagħna fil-Prefettura*
*Apostolika ta' Garissa,*
*agħmel li jkun, ragħaj tajjeb tal-merħla li Int afdajtlu,*
*Saċerdot bla ħtija quddiemek,*
*jaqdik bla heda lejl u nhar;*
*ħalli jġibilna minn għandek il-barka tal-grazzja tiegħek*
*hu u joffri doni xierqa mill-Knisja Mqaddsa tiegħek.*
*Bis-saħħa ta' l-Ispirtu*
*li jgħanih bid-doni tat-tmexxija*
*agħtih il-qawwa*
*li jaħfer id-dnubiet kif int stess ordnajt,*
*iqassam bil-għaqal il-ħidma li afdajtlu,*
*u jagħraf f'kollox ir-rieda tiegħek.*
*Ikun magħġub quddiemek*
*minħabba tjubitu*
*u s-safa ta' qalbu,*
*jagħmel quddiemek offerta li togħġbok,*
*Bi Kristu Ġesu'*
*Ibnek u Sidna,*
*li*
*tiegħu hi kull saltna, qawwa u glorja*
*flimkien ma'*
*l-Ispirtu s-Santu,*
*flimkien*
*fil-Knisja Mqaddsa Tiegħek,*
*issa*
*u għal dejjem.*

# Volunteer Missionary Movement

The Volunteer Missionary Movement, the VMM. was founded in 1969 by a Lay Woman, Edwina Gateley, with the aim of sending out Christian workers to the poorer countries of the world. So far over 650 people have answered the call! They are farmers and pharmacists, nurses and mechanics, teachers and technicians. They are of any age from over 21 to over 60. They are both married and single. All have a common faith in Christ who calls us to show that faith by sharing our riches with those who lack the basic necessities of life.

VMM Missionaries have a particular calling. We must leave home, family and friends for a period of two or more years, to work as servants of the local Churches overseas. We go, not alone, but as part of a team which includes those who stay behind in this country and give their support, materially and spiritually. But before we can go any further than our own front door, we must be sure of two things: That Christ is important and alive in our own lives, and that we have a skill or profession to share with those to whom we are going in the Third World.

Our task overseas is a dual one: to give witness to our Faith by living a truly Christian life and to help people live fuller and more dignified lives by contributing to the development of their skills and resources. We go in answer to the age-long call of Christ and His Church, re-emphasized by Vatican II and Pope Paul VI when he prayed, "May the World of our time, which is searching, sometimes with anguish, sometimes with hope, be enabled to receive the Good News, not from evangelizers who are dejected, discouraged, impatient or anxious but from ministers of the Gospel whose lives glow with fervour, who have first received the Joy of Christ, and who are willing to risk their lives so that the Kingdom may be proclaimed and the Church established in the midst of the World." (Evangelization in the Modern World).

The task of sharing the skills and resources we have is a positive action that springs naturally from prayer. Christ prayed in the desert and preached on the mountains. He also healed the sick, cured the blind, fed the hungry, ate and talked with the down and outs of His day. VMM Missionaries try and follow Christ's example of prayer and action. We have looked at the world in which we find ourselves and see human want and oppression: poverty and hunger. We see an imperfect and struggling world which Christ came to save. We see that in the Third World two third's of the world's population try and survive on one third of the world's resources. We see the present world economic system widening the gap between rich and poor. As VMM Missionaries, we recognize that part of our role is giving people the will and the means to pull themselves out of the ditch of poverty and oppression. We become like Christ in responding to the needs of others.

We respond like Ita Molloy, a nurse who went to the Turkana desert in Kenya. While she was there a severe Cholera epidemic swept through the area. The Health Centre had only ten beds, but averaged 17 admissions a day. The nearest doctor was 80 miles of bad road away. Nurses also had to travel round the villages treating patients in their own homes and giving advice on preventative measures. It was very depressing to see such a disease attack people who were already poorly nourished. But although the going was tough, all the time Ita says she was rewarded by knowing that these people were also God's people and that in their need, she was able to help.

VMM Missionaries go overseas to give. But they return having received a hundredfold. They go to the poor and receive from the people's generosity. They leave their families and friends but receive new friends and become members of numerous new families. They go to be 'poor' and find themselves richer. The paradox is merely proof of Jesus' teaching, "Give, and you shall receive."

God's greatest gifts to us have never been material. Jesus gives Peace, Joy and Wholeness. In the joy and love of their brothers and sisters overseas, the VMM Missionaries begin to realize what Jesus was talking about: that if we make people, not things, count in our lives each day, then no matter how poor we seem to be, we will always be the richest of people.

In a world groping for Love, Peace and Justice, the VMM Missionary turns to God and says: "Here I am Lord, send Me." (Isaiah 6:8,9).

At present VMM has over 100 vacancies. Are you, like Ita, willing to help?

Nirringrazzjaw lill-awtur ta' dan l-artiklu: John Gerrard, membru fil-V.M.M. John għadda sentejn sħaħ ta' ħidma missjunarja flimkien mal-Kapuċċini Maltin f'Garissa, il-Kenya, u fil-preżent tnejn oħra membri tal-istess Moviment qed iwettqu ħidma fejjieda fil-missjoni tagħna.

IS-SIGRIET TAL-QAWWA MOĦBIJA FIL-ĦAJJA TA' SANTA KLARA

# L-IMĦABBA

Kif diġa għidna l-ispiritwalita ta' Santa Klara kienet l-istess bħal dik ta' San Franġisk. It-tnejn ġrew il-ġirja ta' l-imħabba. Kienet l-imħabba li tat is-sens lil ħajjitha u minn hawn ħareġ l-erojiżmu li bih għexet.

Minn meta kienet għadha ċkejkna, Klara semgħet fil-fond ta' qalbha lil Kristu isejħilha u l-ħolma tagħha kienet kif ser twettaq din is-sejħa. Fost il-lussu ġewwa l-kastell ta' Corano, imdawwra mill-kavallieri, fosthom zijuha Monaldo, hija qattgħet it-tfulija tagħha. Iżda qalb Klara ma kinetx marbuta mat-tlellix u l-vanita tad-dinja. Lil dawn il-ħwejjeġ hija kienet tqishom bħala knis. L-iktar ħaġa li kienet tħobb tagħmel kienet li tgħaddi l-ħin fit-talb. Kienet tippriva ruħha anki minn ikel fin biex tkun tista' tagħtih u tqassmu lill-foqra. Kull darba li l-ġenituri tagħha kienu jsemmulha xi kavallier b'żewġha, kif kien jixraq lill-kondizzjoni nobbli tagħha, ma kinetx trid tisma'. Mhux għax kienet tibża' miż-żwieġ, jew tistmerru, għax Klara ma kienet tibża' minn ħadd u minn xejn. Naraw f'ħajjitha l-kuraġġ li wriet, kif saħansitra irnexxilha tkeċċi lis-Saraċini bil-fidi tagħha fl-Ewkarstija. Hekk hija qalet "Le" lill-ġenituri tagħha u dawret dahara għall-ġid ta' din id-dinja u għal dak kollu li seta' jkun tagħha, ir-raġuni hija għax Klara riedet toffri lill-Mulej it-teżor tal-verġinita tagħha.



Klara ma kinetx bniedma li tagħmel l-affarijiet bin-nofs. Jew kollox jew xejn. Wara li talbet, ħasbet, u ħadet parir, wasal fl-aħħar il-mument li tagħti l-kelma, "Ngħix l-Evanġelju!". U minn x'ħin ħadet din id-deċiżjoni hija għaġġlet biex tkun kollha kemm hi tal-Għarus Divin tagħha "Totaliter". U qatt iżjed ma reġgħet lura mill-kelma tagħha. Fl-ittra li kitbet lil Ermentrude tgħidilha, "Ibqa' fidila sal-mewt ma' Dak li Lilu inti ikkonsagrajt lilek innifsek". Kienet imħeġġa fit-talb biex timita lil Kristu kast, fqir, batut, umli u ħelu. Iżda dawn il-virtujiet sbieħ li kienet tipprattika kienu kollha frott ta' l-imħabba li biha kienet tħobb lil Kristu. Nistgħu ngħidu li Klara m'għamlet xejn ħlief *ħabbet*. Għaliha Ġesu' ma kienx xi ħadd imbiegħed, ħaġa astratta. Kristu kien persuna ħajja u r-relazzjoni ta' bejniethom kienet mimlija u profonda. Il-ħarsa tagħha kienet imdawra lejH u tgħix għaliH mument wara mument. Ma riedet xejn ħlief lil Kristu biss. Fir-Regola tgħidilha biex "għall-imħabba tat-tfajjel l-iktar qaddis u għażiż imkebbeb fil-ħrieqi u mimdud fil-maxtura u għall-imħabba tal-Omm qaddisa tiegħu, jiena nitlob lis-sorijiet u nħeġġiġhom biex jilbsu ilbies fqir." (Reg II, 18) Kulma nagħmlu għandu jkun ispirat mill-imħabba u magħmula għall-imħabba. Il-liġijiet ,tajbin kemm huma tajbin, jitilfu l-valur tagħhom jekk ma jiġux imwettqa bl-imħabba. Jekk jiena nagħti ġismi għall-ħruq u ma jkollix imħabba ma jkun jiswieli xejn" (1 Cor 12, 3).

Fil-proċess dawk li taw xhieda jgħidulna li l-fondatriċi ma għexitx jekk mhux bl-imħabba t'Alla u kienet tgħix mitlufa fiH". U din kienet l-ewwel ħaġa li kienet tgħallem lill-postulanti u n-novizzi: Inservu lill-Mulej billi nħobbuH fuq kull ħaġa oħra.

Il-għaqda personali ma' Kristu bl-imħabba kienet l-ewwel ġebla tal-bini spiritwali ta Klara u ta' sħabha. Fi Kristu, għal Kristu, u ma' Kristu inħliet l-eżistenza tagħhom. Huma ħabbew lil XI ĦADD u dan kien KRISTU.

# L-INDJA:

*Rainerio Zammit, Kapuċċin*

# ART TAL-KUNTRASTI

*IT-TIENI PARTI*

Ħaġa li ddejjaqni ħafna hija meta xi ħadd — li jaf li għaddejt żmien sewwa fil-missjoni tagħna fl-Indja — jistaqsini xott xott, għalkemm b'intenzjoni tajba: "X'tgħidilna fuq l-Indja u l-Indjani?" Bħallikieku l-Indja hija xi daqxejn ta' belt imdaqqsa, jew imqar xi pajjiż fl-Ewropa, li tista' tagħti tweġiba f'erba' kelmiet! Fl-artiklu ta' qabel dan diġa ktibt fil-qosor fuq il-kobor immens ta' l-Indja, li hija 'sub-continent', u fuq il-popolazzjoni enormi tagħha li tiġi biss wara dik taċ-Ċina, u fuq il-ħafna razez, ilsna u reliġjonijiet differenti li għandha.



**L-Indja: Art tal-Kuntrasti. Is-Sabiħ... L-Abjad... Il-Għana.**

Ma tistax titkellem fuq l-Indja bħala pajjiż wieħed, bħal ngħidu aħna meta nitkellmu fuq Malta u l-Maltin. Għalkemm l-Indja hija politikament nazzjon magħqud bħala Repubblika waħda bi Gvern Ċentrali, madankollu kull reġjun huwa differenti ħafna mill-oħrajn. F'kollox! Fin-nies u f'kulurhom; fid-djar fejn jgħixu u fil-mod kif jgħixu; fl-ikel li jieklu u l-ħwawar li jħalltu; fil-ħafna kasti tagħhom imqar jekk ta reliġjon l-istess; fl-ilbies li jilbsu u kif jilbsuh; fil-klima li mdorrijin jgħixu fiha, ta' naħa wisq differenti mill-oħra; f'kelma waħda meta tgħid INDJA tkun qed tgħid kuntrast kontinwu!

## IS-SABIĦ U L-IKRAH

Ma nafx jekk hawnx pajjiż ieħor fid-dinja fejn tara daqstant kuntrast bħal fl-Indja: fejn tara s-sbuħija u l-kruha, l-għana u l-faqar, l-indafa u l-ħmieġ, il-lussu u l-miżerja ,it-tajjeb u l-ħażin, l-għerf u l-injuranza, kollox fl-istess ħin u mexjin kważi flimkien! U madankollu tħoss ukoll li bejn ta' l-ewwel u tat-tieni hemm qabża u wesgħa tal-għaġeb li donnu ħadd u xejn ma jista' jressaqhom lejn xulxin għallinqas sakemm l-Indja tibqa' dik li kienet u hija sa llum. Għalhekk, kieku kelli nagħti tweġiba fil-qosor għall-mistoqsija ħafifa t'hawn fuq, kont ngħid biss: *L-Indja hija art tal-kuntrasti!*

U għalhekk nagħdab meta nisma' lil xi wħud, li għax forsi żaru l-Indja għal xi ġimgħat u mqar jekk għal ftit xhur, jiġu lura u jitkellmu biss fuq il-miżerja u l-faqar li hemm, u kemm għadhom lura, u kliem ieħor bħal dan. Dawn it-talin donnhom ma jafux jaraw it-tajjeb u s-sabiħ ukoll li hemm. Żgur li ebda pajjiż ieħor fid-dinja ma hu mżewwaq u pitturesk u interessanti daqs l-Indja. U li għandu minn kollox fih! Minn filosfi u poeti u kittieba u xjenzati — li wħud minnhom sa rebħu n-Nobel Prize u premjijiet internazzjonali oħra għall ħila tagħhom, għal miljuni oħrajn li għadhom ma jafux jaqraw jew mank jiktbu isimhom sa llum.

Hemm issib Tempji grandjużi li trid seba' għajnejn biex tifli sewwa l-arti u r-rikkezzi tad-deheb u l-fidda li fihom ;monumenti ta' żmien il-qedem li wħud minnhom imorru lura saħansitra eluf ta' snin qabel il-miġja ta' Kristu; fortifikazzjonijiet u postijiet storiċi ta' kull perjodu ta' l-istorja għanja u twila tal-pajjiż; palazzi favolużi tar-Rajas u l-Maharajas, dawk li darba kienu jaħkmu fuq l-Indja u l-poplu tagħha kollu; Muntanji u Għoljiet fost l-ogħla fid-dinja bil-qċaċet tagħhom dejjem ibajdu bis-silġ fil-ponta tagħhom; deżerti tar-ramel dejjem jaħraq u jikwi fl-eqqel tas-sajf twil u kiefer li agħmel; ġonna kbar li tintilef iddurhom, bl-art dejjem tħaddar u mimlijin b'kull xorta ta' fjuri ta' kull lewn u għamla; foresti ma jispiċċaw qatt b'tigri,



**L-Ikrah... L-Iswed... Il-Faqar.**

iljunfanti, jena, xadini, ċriev, xakalli, ħnieżer selvaġġi u bhejjem oħra ta' kull kwalita; widien mill-isbaħ bl-ilma ġieri dejjem nieżel fiddien ġo fihom, fejn in-natura tkun fl-aqwa tagħha u fejn tħossok tistrieħ imqar jekk tħares ftit fit-tul lejhom: għasafar fil-jungles, ta' kull daqs u lewn, minn pitirross sa pagun jiftaħ rixu u jiżfen quddiem il-pagun-mara meta jifthilha denbu mrewħa; xmajjar kbar li jibdew minn fuq il-Himalay-as u jaqsmu kważi l-Indja sakemm jarmu ilmijiethom fl-Oċejan Indjan, fl-Arabian Sea, jew fil-Bajja tal-Bengal; xmajjar iżgħar u għadajjar bl-eluf li huma dejjem ksir ir-ras għal min irid jaqsam minn naħa għal oħra ta' belt jew imqar raħal ċkejken; triqat dritti u twal li donnhom ma jispiċċaw qatt, b'siġar kbar għoljin u xjuħ li l-frieghi tagħhom kultant anke jgħattu d-dawl tax-xemx qalila; insetti ta' kull xorta u sriep ta' kull daqs, velenużi u m'humiex; mili ta' mili ta' art maħduma miżgħuda b'kull xorta ta' ħaxix u siġar tal-frott, kif ukoll mili wara mili ta' art mogħxa jew blat waħedha; toroq iffullati b'massa ta' nies, kbar u żgħar, għaddejjin marsusa u jrejħu bl-għaraq ta' ġisimhom; raba kkultivat b'mezzi moderni, bl-irrigazzjoni u l-fertilizers, bit-tractors u affarijiet oħra li joffri s-seklu għoxrin, waqt li raba ieħor għadhom jaħdmuh bl-istess għodod u metodi ta' żmien il-qedem, meta l-bniedem kien għaraf għall-ewwel darba li l-art tista' titimgħu! Hekk ukoll għas-sajd u l-kaċċa!

## L-ISWED U L-ABJAD

Jekk iżżur ngħidu aħna xi belt kbira bħal Delhi jew Madras jew Bombay jonkella Kalkutta wieħed malajr jifhem ftit minn dan li għedt. Semmejt dawn l-erbat ibliet kbar, l-ewwel għax fihom joqgħodu l-miljuni, u mbagħad ukoll billi ġejografikament jinsabu fin-nofshinhar, fit-tramuntana, fil-punent u fil-lvant ta' l-Indja, u għalhekk jagħtu 'cross section' aħjar ta' li qed ngħid. Tħares 'l hawn issib lukandi lussużi li tinbela tidħol ġo fihom, riġlejk fit-twapet fini ma' l-art kollha, u li jħabbtuha mal-aqwa li għandhom x'joffru l-Ewropa jew imqar l-Amerka; ristoranti mill-aqwa, li jlestulek ikliet orjentali jew kontinentali li ftit issib bħalhom band'oħra; bini kbir u għoli kemm trid, aktarx ta' kumpaniji multi-nazzjonali u anke ta' industrijalisti Indjani kbar; vilel mill-isbaħ, wesgħin u komdi, mgħammrin b'kollox sa bis-swimming pool; uffiċini tal-Gvern b'xi għoxrin sular jew iżjed, fejn tintilef fihom jekk trid issib lil xi hadd u fejn iktar minn lift wieħed dejjem telgħin u neżlin iġorru lin-nies mgħaġġla.

Jekk tħares 'l hemm, imbagħad, għandek tilmaħ — mhux bogħod wisq minn dak li rajna hawn fuq — mijiet ta' foqra b'xi bieqja ċkejken tal-fuħħar f'idejhom jittallbu l-karita. Tfal, bniet u subien u ta' kull eta', ħwejjiġhom imqattgħin u maħmuġin jiġġerrew mat-triqat, iwaqqfu lil dan u lil dak biex jagħtihom xi ħaġa. Għedt li lbieshom 'ħwejjeġ imqattgħin', imma aktar tista' ssejħilhom ċraret imġanntin ma' xulxin u neżlin biċċiet minn fuqhom milli tabilħaqq ħwejjeġ. Gangs ta' dawn it-tfal jingħad li jkunu mqabbdin jittaliba minn xi leader xiħ tagħhom, li fl-aħħar tal-ġurnata t-tfal iridu jieħdu dak li qalgħu għandu u hu mbagħad iqassmilhom xi ħaġa żgħira bejniethom waqt li huwa jieħu l-ikbar sehem.

Mhux wieħed u tnejn minn dawn it-tfal, b'id waħda jgħollulek il-biċċa qmiż jew flokk li jkollhom fuqhom biex juruk żaqqhom ma' daharhom, waqt li b'idhom l-oħra miftuħa lejk jitolbuk tagħtihom xi ħaġa ħalli jtaffu l-ġuħ li għandhom. Ħafna minn dawn it-tfal ix-xogħol tagħhom ikun ukoll li jiġru jsejħulek Taxi, jekk jarawk tistenna jew tfittex waħda, biex imbagħad tweżinhom xi ħaġa. Oħrajn ix-xogħol tagħhom hu li jiġru wara l-ħafna "baqar t'alla", jiġifieri baqar li mhuma ta' ħadd u li jgħaddu minn fejn iridu bla ma ħadd ikellimhom. It-tfal jiġbru dak li jħallu warajhom dawn il-baqar, id-demel tagħhom, li wara jbiegħuh lil ħaddieħor u li dawn minnhom jagħmlu qishom kejkijiet niexfa biex isajru bih fuq il-kenur minflok ħatab!

Jekk tgħaddi lejn xi stazzjon tal-ferrovija, l-aktar bil-lejl, jew taħt xi pont li jaqsam xi xmara żgħira, trid toqgħod attent fejn int miexi. Jekk le, għandek mnejn tirfes jew taqa' f'xi ħadd mill-eluf ta' nies bla djar li xitwa, sajf jew monsoon, jorqdu barra fuq il-bankini jew 'il hawn u 'l hemm għall-qiegħa ta' l-art. Hawn imbagħad tara mara kokka fl-art b'tarbija talħalib imqabbda ma' sidirha niexef; il-mara ssibha tħares ċass 'il quddiem, b'xi biċċa ċarruta maħmuġa mifruxa quddiemha tittama li min jgħaddi minn quddiemha jkollu ħniena minnha u mit-tarbija tagħha; jekk tħares fiss f'wiċċ l-omm issib li hija għamja iżraq miż-żewġ għajnejn!

## IS-SBEJĦA U L-BHIMA

Tħares in-naħa l-oħra tara ringiela twila ta' tined, jew għerejjex imwaħħlin mal-ħajt u mwaqqfin biz-zkuk jew bil-bambu, li meta jagħmel ftit riħ qawwi jew xi xita bil-qliel malajr jaqgħu, iżda daqstant ieħor malajr jerġgħu jitilgħu. Is-saqaf tat-tined huwa magħmul mill-ixkejjer mixtrija 'second-hand' minn għand tal-ħwienet jew mormija fil-bażar u miġbura b'tant reqqa minn dawn li jsejħu t-tinda 'dar tagħhom'. Fuq l-ixkejjer għandhom mnejn ipoġġu xi landi miftuħa u ċċattjati b'xi ftit ħaxix niexef fuqhom biex ftit jew wisq jilqa' l-ilma tax-xita jew itaffi s-sħana qalila tas-sajf. Taħt dawn it-tined, waħda tmiss ma' l-oħra, b'kemm twassal għajnejk, joqgħodu familji sħaħ. Hemmhekk jgħammru u jwelldu, jitwieldu u jgħixu, jorqdu u jqumu, jikbru u jmutu ġenerazzjonijiet sħaħ. Karti u gazzetti miġburin mit-triqat jgħożżuhom ħafna billi jservuhom kemm biex jitgħattew bihom, u sew biex iqegħduhom taħthom minflok saqqu, skond l-istaġun li jkun!

Hawn tara għaddej wieħed bla saqajn, jew aħjar, ġismu minn qaddu 'l fuq biss, qiegħed fuq karrettun baxx ċkejken b'roti żgħar — bħal dawk li konna nagħ-

mlu aħna t-tfal fi żmieni biex nilagħbu bihom — miġbud minn xi ħadd ieħor, aktarx ukoll immankat minn xi parti oħra ta' ġismu. U jieqfu quddiem il-ħwienet fejn jaħsbu li jistgħu idabbru xi ħaġa. Hemm tara ringiela oħra ta' xjuħ u anke żgħażagħ, il-biċċa l-kbira minnhom jew lebrużi jew immankati, kollha kokka flart wieħed ħdejn l-ieħor, kulħadd bi plattina jew bott vojt quddiemu, jitkarrab jew jgħid xi strofa b'ċerta kantaliena li tqanqal.

In-naħa l-oħra tiltaqa' ma' mara jew tnejn libsin sari tal-ħarir mill-ifjen u titpaxxa tħares lejhom, b'armatura deheb minn rashom sal-ponta ta 'subgħajhom iż-żgħir ta' riġilhom, kollu deheb oħxon u fin. Warajhom għaddejjin żewġ nisa oħra, b'sari taċ-ċarruta ordinarja, qisu għarbiel bit-toqob li fih għax imqatta' minn ħafna bnadi, u li ma tafx x'kulur qatt kien, billi ilu li tefa biż-żmien, u sapun u ilma ilu ma jara għomor. Dawn jorqdu. jqumu u anke jmorru jaħdmu blistess sari għax m'għandhomx ħliefu. Madwarhom aktarx tara ċorma tfal ta' kull daqs, uliedhom, bl-iżgħar waħda fuq ġenbejn ommha, waqt li l-ikbar iġorru xi sorra maħmuġa li fiha jkollhom kulma jippossjedu fiddin'a! Minn borma li jsajru fiha u jieklu minnha lkoll sal-kenur u ħatab li jqabbdu n-nar fuqu u ħwawar!

Insomma jekk nibqa' sejjer hekk ma nispiċċa qatt għax il-lista tal-kuntrasti li hemm fl-Indja hija bla tmiem. Nagħlaq b'dak li qalli darba wieħed xiħ għaqli Indjan li kont qed niddiskuti miegħu fuq dan li għedt. Kien ftit biss wara li mort il-missjoni u huwa kien jaf bl-Ingliż. Qalli: "India is a huge being, representing *The Beast and The Beauty* at one and the same time".

U hekk hija tabilħaqq! Kellu raġun biex ibiegħ!

---

**TALBA BIEX ISSIR DUTTUR TAL-KNISJA**

# SANTA VERONIKA GIULIANI

Fl-20 ta' Settembru 1980, il-Konferenza Episkopali ta' l-Umbria resqet quddiem is-Sagra Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisisn talba bil-għan li jiġi mogħti lil Santa Veronika Giuliani t-titlu ta' Duttur Tal-Knisja. Il-kontenut tad-dokument imressaq mill-Isqfijiet, skond użanza mixtieqa mill-Kongregazzjoni, jibqa' sigriet ;imma intqal li dan jittratta minn 'dossier' vast fejn fih hemm id-diversi motivazzjonijiet li għalihom għandu jingħata dan it-titlu solenni lill-Qaddisa.

Din l-aħbar ferrħet lill-Knisja kollha għaliex iddevozzjoni lejn Santa Veronika Giuliani hija mxerrda mad-dinja kattolika, u l-kitbiet tagħha huma dejjem mitluba minn pajjiżi differenti. Ferrħet din l-aħbar lill-Familja Franġiskana kollha, imma b'mod speċjali lis-Sorijiet Klarissi Kapuċċini li għalihom hija l-unika qaddisa kanonizzata fl-Ordni.

Santa Veronika Giuliani, li twieldet fis-27 ta' Diċembru 1660 bl-isem ta' Orsola minn Franġisku Giuliani u Benedetta Mancini fil-belt żgħira ta' Mercatello, daħlet mal-Klarissi Kapuċċini ta' Citta' di Castello fit-28 ta' Ottubru 1677. Nhar il-Ġimgħa l-Kbira, fil-5 ta' April 1697 hija rċiviet il-Pjagi ta' Kristu biex saret l-ewwel franġiskana li, bħall-Fqajjar ta' Assisi, ġġib fuq ġisimha l-marki tal-passjoni tal-Mulej. Mietet filgħodwa tad-9 ta' Lulju 1727 u Papa Gregorju XVI għamilha qaddisa nhar is-26 ta' Mejju 1838.

# ID-DAR TIEGĦI

*Rafel Flask, kapuċċin*

Kemm hija sabiħa d-dehra ta' siġra mimlija bl-għasafar waqt li tkun nieżla x-xemx. L-għasafar kollha jsaffru wara ġurnata ġiri, issa wasal il-lejl imma ferħana għax qegħdin id-dar u ltaqgħu mal-bqija tal-familja.

Ma nafx kemm il-darba meta kont il-Kenya u kien ikollna ċans fil-5.30 ta' fil-għaxija konna mmorru f'post, dejjem l-istess post biex naraw l-iljunfanti, jew il-giraffe' jew iż-żebra jew iċ-ċriev jixorbu l-ilma. Kalmi wara dak li għaddha minnhom matul il-ġurnata imma ferħana għax qegħdin id-dar u ltaqgħu mal-bqija tal-familja.



Immur għand diversi nies imma l-aktar li nieħu gost huwa fil-għaxija meta ġenituri u tfal ikunu d-dar. Nieklu flimkien u nitkellmu u nilgħabu u nkunu nistrieħu. Kull membru fil-familja jkun ferħan għax qiegħed id-dar għax qiegħed mal-bqija tal-familja.

Ftit ilu mort f'kunvent tal-kapuċċini. Kien ilni ftit ma nkun f'wieħed. Niftakar li kif dħalt fil-bitħa ma kont naf lil ħadd. Bdejt insib diffikulta li nċempel għax ma kont naf lil ħadd u mkien fit-twieqi ma kien hemm dawl. Kienu s-sitta ta' fil-għaxija u bqajt waħdi fil-bitħa u bdejt nisma' qanpiena ddoqq. F'daqqa waħda kalma kbira waqgħet fuqi. Ħassejtni li qiegħed f'dari. Għal mument xtaqt li nibqa' hemm fejn kont naħseb fuq ħafna affarijiet imma fil-kwiet. Rajt id-dawl f'tieqa u ċempilt u dħalt ġewwa. Qatt ma kont dħalt hemm imma kont naf li dieħel f'dari... allura kont ferħan li ltqajt mal-bqija tal-familja.

Il-ħajja tal-komunita, jew fraternita (għidilha li trid) togħġobni. Inħobbha. Fiha nsib il-familja tiegħi. Forsi l-akbar biżgħa tiegħi huwa li nkun waħdi. Waħdi maqtugħ minn ħaddieħor, mingħajr l-għajnuna ta' ħaddieħor. Waħdi... bla familja. Meta ngħid familja mhux nifhem fejn tgħix ommi jew ħuti. Irrid familja li nagħżel jien.

Li tgħix f'familja mhux faċli imma naħseb li huwa aktar diffiċli jew aħjar jitlob aktar sforz li tgħix f'familja mhux magħmulha minn mara u raġel miżżewġa u t-tfal tagħhom. Ir-raġuni hija sempliċi (forsi prużuntuż iżżejjed li ngħid li hija sempliċi!!). Hija ħaġa naturali li raġel u mara jiżżewġu imma mhux hekk li raġel jew mara jaċċettaw li ma jiżżewġux imma jgħixu flimkien separati, anke jekk kultant f'komunitajiet imħallta u jfittxu li jikbru u jħobbu, jgħixu, jaħdmu u jaqsmu. Titlob impenn għax kull membru jrid jew trid taħdem għal skop li għalih il-komunita qegħda teżisti.

La l-komunita hija familja allura għandha l-istess skopijiet tal-familja. Fuq kollox il-membri jridu jħobbu lil xulxin, mhux bil-kliem imma bil-fatti. Dan isir b'interess ġenwin f'xulxin, għajnuna lil xulxin, għajnuna li trid tkun tikkonsisti mill-aktar affarijiet sempliċi bħal ħasil ta' platti ,tisjir għal għajnuna waqt mard jew diffikultajiet oħrajn, għal talb flimkien, ikel flimkien, xogħol flimkien. L-imħabba ma tridx tkun ħawlija imma fertili u trid anke tiġġenera b'mod li x-xogħol ikun jista' jitkompla... sakemm l-iskop jintlaħaq.

Illum għandna ħafna komunitajiet. Dawk li ilhom mijiet ta' snin u oħrajn għadhom qed jitwieldu. Huwa aktar faċli komunita ġdida għax minbarra l-preżenza tal-kariżma tal-persuna li bdietha għandek l-iskop li għalih twaqqfet ċar u mhux imċappas u kultant imħarbat u anke fgat minn skopijiet oħrajn frott ta' strutturi li joqtlu, tradizzjonijiet kultant li spiċċa żmienhom. Dawn l-affarijiet insibuhom mhux biss f'komunitajiet li ilhom mijiet ta' snin imma f'kull istituzzjoni oħra... fl-aħħar mill-aħħar anke jekk id-dar iddum ma tiknes ġimgħa jitrabba l-għanqbut — u dan lili ġrali kemm il-darba.

Mhux ser noqgħod nargumenta jekk hemmx lok tal-komunitajiet, la qiegħed f'waħda allura favurhom. Anqas jekk hemmx lok għall-qodma flimkien mal-ġodda... għax qiegħed f'waħda qadima. Meta ma nibqax nemmen li nista' ngħix dak li nemmen tassew fih u fil-ħajja tal-komunita allura jkun wasal iż-żmien li ma nibqax kapuċċin.

Hemm ħafna affarijiet x'jinbidlu, x'jirranġaw imma dawn isiru meta kull membru jagħti sehmu. Ma naqbilx ma' kull ma jsir imma ma nfixkilx dak li qed isir. Hemm ħafna tajjeb.

Komunita kapuċċina għadni nħossha dari għax naf li hija ħajja. Qed isiru ħafna sforzi fil-linja tajba biex din il-ħajja ta' flimkien ma tispiċċax biex tkun dar tax-xjuħ imma biex tkun dar fejn iż-żgħar jgħixu max-xjuħ, l-injurant jgħix ma' l-intelliġenti, fejn nuqqas ta' qbil ma jwassalx f'mibgħeda.

Forsi l-aktar sforz li qed isir huwa li l-membri kollha huma meqjusa bħala persuna bi kwalitajiet sbieħ li jridu jiġu żviluppati minn kull individwu għax kull membru għandu kontribut x'jagħti. Dan allura jitlob li kull membru tal-komunita jaċċetta lill-ieħor kif inhu. Min jaf kemm-il darba membri ħallew komunitajiet għax kienu jiġu stmati ta' tfal. Trid komunita ħajja biex tinduna li din ma kinetx triq tajba. Trid komunita tassew li lesta li taħdem biex għalkemm kull membru għandu l-ħajja tiegħu u l-kwalitajiet tiegħu madankollu hemm xi ħaġa li tgħaqqad. Hemm l-imħabba, l-aċċettazzjoni u interess fil-ħajja ta' xulxin. Minn din is-saħħa li wieħed jakkwista minn sħabu fil-komunita allura wieħed ikun jista' joħroġ fil-komunita aktar kbira tad-dinja. Bla biżgħa għax waqt li jaf li qed jirriskja, jipprova, jgħix u jaħdem, madankollu jaf li għandu l-familja, id-dar tiegħu, il-komunita.

Dawn kollha għadni nemmen li għadni nista' nsibhom fil-ħajja kapuċċina. M'inhiex ngħid li kollox faċli, 'il bogħod minn dan. Imma jekk ħaġa teżisti, anke jekk għadha ftit moħbija, xorta tista' ssibha u flaħħar issibha.

Dan kollu li għidt mhux xi riklam bla ħlas għal ħajja kapuċċina. Huwa biss il-mod li bih jien inħares lejn il-komunita kapuċċina bħala dari.

---



Il-W.R. Patri Paschal Rywalski, Ministru Ġenerali ta' l-Ordni Franġiskan tal-Kapuċċini, wettaq l-aħħar żjara tiegħu lill-Provinċja Kapuċċina Maltija matul ix-xahar ta' April li għadda. Kien hemm miegħu jakkumpanjah il-W.R. Patri John Corriveau, Definitur Ġenerali għall-Lingwa Ingliża.

Matul iż-żjara tiegħu f'Malta, il-Patri Ġeneral, fost tant affarijiet oħra, ħa ferm interess fil-pubblikazzjoni tar-Rivista ġdida kapuċċina: "Dawl Franġiskan". Fil-laqgħa li huwa kellu ma' l-Editur Responsabbli, faħħar u apprezza ferm din l-inizjattiva, filwaqt li awgura kull suċċess għall-futur f'din il-ħidma pastorali u franġiskana permezz ta' l-istampa.

# KIF INSIRU MATURI

Fid-dinja hawn ħafna paradosssi, tant hu hekk li jekk tgħid lil xi ħadd "xiħ" jew "xiħa", għandu mnejn jieħu għalih, imma jekk tgħidlu matur allura xorta oħra. Huwa veru li tista' ssir xiħ u ma ssir qatt, pero' ħafna drabi fejn jidħol is-sentiment uman trid toqgħod b'seba' għajnejn li tuża l-kelma eżatta. Ħu per eżempju l-frażi "Ejja ħalli ngħallmek" ħadd ma jieħu pjaċir, iżda ngħidu "Ejja ħalli nurik", u għad li tfisser l-istess tħalli effett differenti.

Mela x'inhi l-MATURITA'. Fis-sens strett tal-kelma tfisser meta l-frotta issir u ma tibqax ħadra. Iżda fis-sens morali, meta l-bniedem jintela' bl-esperjenza u fil-ħsieb, kliem u għemil ma jibqax bħat-tfal iżda jġib ruħu ta' adult ,ta' raġel li integra ruħu sewwa fis-soċjeta.

Mela issa ejjew bħas-soltu nieqfu nirriflettu fuq xi punti prinċipali biex naraw aħniex maturi u kif nakkwistaw din il-maturita': —

1. Ipprova li tagħmel il-persuna li trid tgħix magħha tħoss ruħha importanti.

2. Irrispetta l-opinjoni ta' ħaddieħor u ġagħlu jħoss li l-ideja kienet u għadha tiegħu.

3. Fittex li tapprova u tapprezza sinċerament dak li ħaddieħor jagħmel.

4. Aħjar tagħmel domandi milli tagħti ordnijiet.

5. Aħjar meta teżamina biċċa xogħol tfittex dak li jistħoqqlu tifħir milli dak li jistħoqqlu tmaqdir.

6. L-aħjar mezz biex tirbaħ argument huwa li tiskartah.

7. Agħmel li dik il-persuna li sejra tagħmillek xi ħaġa ta' pjaċir huwa privileġġ li tagħmilhielek.

8. Tbissem, ifraħ u għix kuntent ma' Alla u mal-bnedmin.

*MODEST GATT, kapuċċin*

# Quddiem l-Inkwadru tal-Madonna tal-Grazzja



**Għawdex — 7 ta' Lulju 1981**

Qatt ma ħsibna li minn rasek se jieħdu l-kuruna.
Għalina kienet il-qima u l-imħabba. —

Kont u tibqa' l-omm tagħna Ħanina
Tul is-snin niesna t-tajba ħabbewk.
Żewġ kuruni dammew għalik u għal ibnek
B'ħerqa u b'qima b'imħabba urewk.

Tul is-snin qalb l-għoljiet, qalb ir-raba'
fis-Santwarju merfugħ f'żewġ widien,
Biex jistrieħu fid-dell t'għajnek ħelwa
Trodd is-sliema u l-faraġ f'kull żmien.

Ċew filgħodu mal-bakra tal-għodwa
Ċew fil-għabex tal-ħemda għaxija,
fis-Santwarju tal-Grazzja, b'qalb beraħ
Rahan ta' merħba u sliema smewwija.—

Kienet ħasba imdallma u qalila
Imtennija b'kull ħażen li fniet,
lil din qalbna li tgħożż fil-kuruna
Dijadema ta' mħabba u rabtiet.

Jibqa' mgħotti l-misteru tas-serqa
fih jitnissel il-ħsieb tal-Madonna
Minn nies tagħna d-dmugħ baqa' jġelben
u jistaqsi 'Min seta' ħadhomna?' —

F'dalma kerha l-ħalliel ħarab dieqi
Bil-kuruna li ġibed b'idejh,
Min jaf x'qaltlu l-Madonna fil-ħemda,
Xħin għajnejha iltaqgħu m'għajnejh?

Fl-istess ħemda l-Madonna sejħitlu,
li ħadilha minn rasha d-deheb fin,
ġelbnet demgħa ta' mħabba u ta' maħfra
fit-triq ħanja li qabdu l-bnedmin.

Kompliet tgħidlu ġo qalbu l-Madonna
Dan id-deheb jista' jsawwar u jdub,
Imma l-ħażen ta' ħsiebek u għemilek,
jibqa' jtenni fi Kristu midrub.

Ibqa' tenni fl-Inkwadru tal-Grazzja
Il-misteru ta' mħabba u ħlewwiet
Ibqa' xerred il-grazzja u l-maħfra
fit-tiċrita ta' qalbna li nfniet. —

*Remiġ Galea, kapuċċin*

# QUDDIEM IL-MADONNA TAL-GRAZZJA

O, x'ferħ inħoss f'qalbi x'ħin niġi ġo darek
U, miegħek u m'Ibnek niltaqa' fis-skiet!
Xi ħlewwa ġo qalbi tnissilli did-dehra
U ruħi timtela b'tas-sema l-barkiet.

Dis-sikta smewwija lil ruħi tgħajjixli
Tgħajjixha fil-ħemda tpaxxiha fis-sliem,
Tkebbisli ġo qalbi imħabba lejn darek,
Tkellimni bil-bosta mingħajr ebda kliem.

Min jaf kemm teżori ta' grazzi bgħattilna,
Min jista' jgħidilna kemm ħarġu barkiet.
Matul din il-medda ta' snin lilek magħna,
Uliedek Fik sabu tas-sema l-ħlewwiet.

Kbir Ismek, Madonna tal-Grazzja ħanina
Imħabbra mis-sema ġabulna Gabriel,
X'misteru ta' mħabba hemm Fik dejjem jiddi,
Il-kobor ta' Alla Fik dejjem kien miel.

*Kan. Dun Nikol Vella Apap*

*"Nagħtikom kmandament ġdid: li tħobbu lil xulxin. Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin. Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom".*

Ġw. 13, 34-35



Dan hu l-kmandament li kontinwament
qed joffri sfida lill-umanita'.
L-IMĦABBA TA' KRISTU ĠESU'...
jenħtieġ li ssaltan iżjed
fil-familja...
fuq ix-xogħol...
fin-nazzjon...
bejn kull klassi, kull ġens,
kull kulur, kultura u reliġjon.

